# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 532/2015**

Il-Pulizija

vs

**Emanuel Azzopardi**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 248162(M)

Illum, 13 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Emanuel Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minn Ottubru, 2014 sa Frar, 2015 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Doris Azzopardi is-somma ta' €150 fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Novembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Azzopardi pprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn fuq ammissjoni sabitu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena. jew in subsidum, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timrnodifika l-istess sentenza appellata limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' xahar prigunerija u mininflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-appellant gie misjub hati fuq akkuzi skorretti.

Illi fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-kwerelata taht gurament ikkonfermat li l-manteniment ta' 150 Euro fix-xahar huwa dovut minn Emmanuel Azzopardi lilha personalment u mhux lil uliedha u ghalhekk l-akkuzzi ma jinkwadrawx ma dak li gie allegat mill-istess kwerelanta u konsegwentement gie misjub hati fuq akkuzi skorretti.

Illi l-ewwel lok il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant hija wahda eccessiva u sproporzjonata.

Illi l-esponenti umilment jirrileva li ghalkemm huwa pacifiku u ormai palezi li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax d-decizjoni tal-ewwel Qorti hlief fil-kazijiet preskritti fil-ligi, jirrizulta, izda, li s-sentencing policy fil-gurisprudenza nostrana f'kawzi simili ghal din tal-appellant ssostitwiet pieni karcerarji effettivi ghal kundanni alternattivi ghal dawk restrittivi l-liberta tal-akkuzat. Dan anke f'sitwazzjonijiet mhux ta ' nuqqas ta' hlas ta' manteniment izda f'cirkostanzi aktar serji. Fil-kawza Il-Pulizija vs Stephen Azzopardi, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Mejju 2007, din il-Qorti insenjat illi:

*' Din il-Qorti pero' rriflettiet fit-tul fuq jekk il-piena karcerarja effettiva erogata mill-Ewwel Qorti f'dan il-kaz, fejn l-appellant u omm ibnu ser ikollhom jibqghu jiltaqghu wicc imb wicc regolarment biex jaghtu t-tifel lil xulxin, hix ser tkun wahda li tkompli tesagera r-relazzjonijiet ta' bejniethom b 'dannu psikologiku ghall-istess tifel minuri.*
*Fic-cirkostanzi qieset li jkun fl-interess tal-partijiet kollha. mhux inqas tal-istess minuri li minflok piena karcerarja effettiva, din tkun sospiza ghall-itwal zmien possibbl i skont il-ligi, bil-ghan li l-appellant ikollu x-xabla la' Democle imdendla fuq rasu biex trazznu milli jerga johloq xi ncident fil-futur fl-inkontri ma' Christine Attard li bilfors irid ikollu meta t-tifel ighaddi minn id wahda ghal id l-iehor u vici versa fil-hinijiet meta jibda u jintemm l-access tal-appellant ghall-istess tifel minuri '.*

Illi tenut kont dan premess, meta si tratta ta' reat mhux daqshekk gravi, wiehed ma jistax jifhem kif tali ncident seta' qatt iwassal ghal konsegwenza daqshekk gravi ossia t-tehid u c-cahda tal-liberta tal-individwu. Hawnhekk, in-natura u x-xorta tar-reat huma ljevi, izda l-piena nflitta hija gravi. L-istess piena konsistenti f'xahrejn detenzjoni bl-ebda mod ma tirritletti n-natura u x-xorta tar-reat.

Kif diversi drabi jigi ritenut 'the punishment must fit the crime' u ghalhekk il-piena erogata mill-ewwel Qorti apparti li tmur kontra *s-sentencing policies* li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali taghna komunament jaddottaw, zgur li ma hija bl-ebda mod ritlessa fil-kaz odjern.

Illi fit-tieni (2) lok u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq premess l-artikolu 338(z) tal-Kodici Krirninali mhux l-artikolu korrett li kellha ssir referenza ghaliha fl-akkuza odjerna li dan peress li z-zwieg ma jisusisstix bejn il-partijiet, element fundamentali u rikjest fl-artikolu 338(z).

Fil-kawza Il-Pulizija vs David Scerri, deciza mill-Qorti tal-Appell Krirninali nhar is-16 ta' Dicernbru, 2003, din l-Onorabbli Qorti nsenjat illi:

*" Koncepibilment fejn ma jkunx hemm relazzjoni ta' zwieg jista' igi invokat l-artikolu 338(y) tal-Kapitolu 9, !i kien gie introdott bl-Att .XXI fol-1993 u li jghid.:*

*Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-Ordni Pubbliku, kull min*

*(y) bhala genituri ihalli lil uliedu fil-bzonn jew bhala parti fiz-zwieg thalli lil parti l-ohra fil-bzonn, minhabba hajja bla qies jew nuqqas ta' kont tax-xoghol. "*

*(. .. )*

*Issa filwaqt li d-disposizzjoni l-gdida ma ssemmiex aktar lill-kap tal-familja - li necessarjament jimplika stat ta' zwieg - u ssemmi biss persuna li "bhala genitur ihalli lil uliedu fil-bzonn ", u dan allura jkun japplika anki fil-kaz ta ' ulied naturali u imwielda barra miz-zwieg, pero' f'dan ir-reat l-element materjali tal-kontravenzjoni jinkludi mhux il-hlas ta' manteniment ordnat mill-Qorti jew miftiehem b 'kuntrat, imma l-hajja bla qies jew n-nuqqas la' kont ghax-xoghol. Fatti dawn li jridu jigu pruvati oltre n-nuqqas ta' manteniment, fis-sens li dejjem gie ritenut li jekk ma jigux pruvati dawn l-elementi din il-kontravvenzjoni ma tissusistix. "*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2017 il-partijiet infurmaw lil din il-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Emanuel Azzopardi fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka s-sentenza appellata ta' xahar prigunerija u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahrejn mil-lum.